tal-laqgħa ta' l-armata nisranija, ix-xwieni Santa Marija, tal-Vittorja, li kienu jgħidulha l-Patruna, il-Kaptana, jew kif jngħidu l-lum, ix-xini ta' l-armirall, San Ġakbu u San Pietru (1), taħt it-tmexxija tal-Kavalier Ġustiniani, flimkien ma' ħafna Kavalieri ta' ġnus imħallta, u ma kotra kbira ta' Maltin, kif Maltin kienu wkoll il-baħrin tax-xwieni.

Salpaw mal-bqija ta' l-armata nisranija, taħt il-Kmand ta' Don Giovanni d'Austria, u fl-ewwel ġranet ta' Ottubru kienu fil-port ta' Cefalonja, u fis-7 tax-xahar, li kien il-Ħadd, bdew it-taqtigħa tal-biża' fil-golf ta' Lepanto; fejn, wara tliet sigħat ta' kumbattiment u għeġubijiet ta' ħila miż-żewġ naħat, rebħu għal kollox u ħarbtu lill-għadu, forsi iktar għat-talb ta' l-Imqaddes Rużarju, li l-insara kollha għollew lejn Alla, milli bis-siwi ta' l-armi. Ix-xwieni ta' Malta reġgħu ġew lura fit-3 ta' Diċembru, b'żewġ xwieni oħra Torok, li messew lilhom bħala priża; u *għadilli* (igħid l-Istoriku ta' l-Ordni) *kien sar wisq ferħ għal rebħa hekk kbira, iżda d-dmugħ, il-lfiq u t-tnehid ta' l-imsejknin nisa Maltin, li f'dik il-ġurnata kienu tilfu 'l uliedhom, lil żwieġhom, u 'l qrabathom, kienu kisru qalb kulħadd.*

Għal din ir-rebħa glorjuża, Ommna l-Knisja Mqaddsa sellmet lill-Verġni Marija fil-litanji: Għajnuna ta' l-Insara: *Auxilium Christianorum*, u stabbiliet il-Festa tar-Rużarju, mimlija b'fehma sħiħa, li taħt il-protezzjoni ta' Sidtna Ommna Marija Santissma taħt dak it-titolu msejħa bil-fidi mill-Insara kollha, ġiet ir-rebħa fost dawk li kienu fil-għelt bejniethom, wisq aktar milli ġibuha huma bl-armi tagħhom, u l-ħila li biha kienu mimlija, u fosthom, nerġgħu ntennu, kienu hemm dawk il-qalbenin misserijietna, immexxija mill-qalbiena Kavalieri tal-Kbira Ordni ta' San Ġwann.

SALVU AGIUS.

---

(1) Dr. Ġan. Ant. Vassallo, flok San Ġakbu u San Pietru jsemmi żewġ xwieni oħra, li huma: Sant'Anna u San Ġwann. Iżda l-Bosio, fl-opra tiegħu: *Historia dell'Ordine Gerosolem.* isemmu dawk li semmejna aħna.

# MILL-MEWT GĦALL-ĦAJJA!

Nifsu maqtugħ, jirtogħ'd imbikki u kiebi;
is-saħħa ntiret, minn qalbu l-faraġ tar;
miexi qajl-qajl, u fuq għasluġ imwieżen;
iż-żmien irossu u qalbu tfur bl-imrar...

Jilgħeġ... għajjien... il-mewt diġa fuq wiċċu
resqet biex tiġbru u ddaħħlu fil-mistrieħ
ġol-marqad tad degħbien taż-żmien ta' dejjem,
u jeħles minn kull għajb li jinsab fih...

U malli tasal ħdejh ma tgħaddix dqiqa...
taqtagħlu n-nifs—twassallu t-tmiem tal-ħajja
u b'kelma sħiħa u rieda iżjed qawwija
bla ma tmur 'l haw jew 'l hinn... bla ma titlajja,

iddaħħlu f'ħajja kollha kemm hi ġdida!...
u ma jeqafx għall-ħaqq quddiem ix-xej
biex jagħti kont t'għamilu!! għax jissaffa
fl-għarbiel irqiq—fid-delu tal-Mulej!!!

U jekk tkun ħajtu taqbel ma min qal:—
"*Arfa' salibek ta' kull jum warajja*"
imbierek hu! Għax dak in-nhar isir
*sultan* fis-sebħ tad-dwiem! *mill-Mewt għall-Ħajja.*

R. M. B.